MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 253/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Toby Farrugia (K.I. 280676M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija sitta u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€376.20), skont l-anness prospett mmarkat Dok 'A', liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, telefon, u internet numru tal-kont A/C 40093800, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-ahhar pagament u cioe' mill- 15 ta' Lulju 2011 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil- 15 ta' Jannar, 2013 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija sitta u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€376.20) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-ahhar pagament u cioe' mill- 15 ta' Lulju 2011 kontra l-konvenut sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------